MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2014

Numru 484/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Fabian Sciriha**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Fabian Sciriha ta' 22 sena, bin Francis Xavier u Pauline nee` Agius imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Mejju 1985, residenti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 266885(M):

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-11 ta' Dicembru 2008, ghall-habta tat-8.30 am u matul l-ahhar xhur qabel din id-data, waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jewe ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluli, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala persuna li m’hijiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra impjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew pprova jdahhal f’xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett li hu projbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garrejt jew ippruvajt iggorr xi oggett bhal dak barra mill-habs bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260;

4. U aktar talli b’hekk sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2014, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li qed jirtira l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa f’din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati taghhom, b’dan illi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva qed issibu biss hati ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 u mhux ai termini tal-Artikolu 289, ghar-raguni li ser tigi spjegata izjed l’isfel.

Ghal fini ta’ piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali hija wahda refrattarja u kienet tikkonsisti fiz-zmien tar-reat odjern, fi sbatax-il faccata. Mill-istess fedina penali jirrizulta illi sa dak iz-zmien, l-imputat kien instab hati ta’ diversi reati fosthom serq, kemm semplici kif ukoll aggravat, korruzzjoni ta’ minorenni, pussess semplici ta’ droga eroina u sekwestru illegali ta’ persuna.

Il-Qorti qieset ukoll illi mix-xhieda prodotta f’dan il-kaz, jidher illi l-ammont ta’ droga eroina misjuba kien wiehed minimu tant li nstab qartas wiehed.

Ikkunsidrat ukoll illi r-reat odjern gie kommess mill-imputat meta huwa kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin u ghaldaqstant japplikaw fir-

rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

Qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, izda mhux ai termini tal-Artikolu 289 tal-istess Kapitolu, stante li dan m'huwiex applikabbli ghall-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 31, 33A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **hati** tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50, izda mhux ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 u qeghda tikkundannah ghall-**piena ta' hames xhur prigunerija effettiva**.

Stante illi dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qeghda tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti **m'hijiex** qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-esperti nominati fl-inkjesta dwar dan il-kaz, baqghu ma pprezentawx ir-relazzjoni taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------